IT-TIELET KTIEB
TAL-GHOXRIN SENA

SETTEMBRU
1944

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

EDITORJAL—Estote Parati — Faċċ. 65
EDITUR—Akkademja — ,, 67
ALBERT M. CASSOLA—*Nhar l-Akkademja f'ġieh il-Wisq Rev. Mons. C. Psaila* — ,, 68
GUŻE' GALEA—Inkwiet fil-familja — ,, 69
KAN. A. COPPERSTONE—*F'Jum l-Ingress tal-Maħbub Mons M. Gonzi, D.D., l-Ewwel Metropolita ta' Malta* — ,, 82
ERIN SERRACINO-INGLOTT—Dwiem — ,, 83
R. BRIFFA—*L-Imdina* — ,, 85
DUN PAWL—Wenzu jfittex lil Luċija — ,, 86
DUN KARM—*Liema...?* — ,, 90
BROTHER AMEDY—Insewwu l-Iżbalji Tagħna — ,, 91

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — SETTEMBRU 1944

## *ESTOTE PARATI*

*JEKK il-Malti l-lum laħaq fil-ġieħ li fih jinsab, fil-ġieħ ta' dawk l-ilsna l-oħra ta' nazzjonijiet ċivilizzati, nistgħu ngħidu li kienu l-ħeġġa u x-xogħol tal-"Għaqda" li refgħuh mill-għajb li fih kien jinsab qabel u l-lum wassluh f'tarf ta' triq għal fuq il-quċċata ta' ġieħ wisq akbar, sew bħala lsien uffiċjali, kemm bħala lsien letterarju. Din il-biċċa xogħol ilha li nbdiet mal-ħamsa u għoxrin sena, iżda hija biċċa xogħol li fiha tgħaqqad l-istorja tax-xogħlijiet kollha bl-iskopijiet, tħabrik u ħidma għalenija ta' kittieba u xirkiet letterarji tal-Malti minn żmien Vassalli, biex ma ngħidux ukoll minn żmien De Soldanis, 'l hawn. Fix-xogħol tal-"Għaqda" hemm is-sisien li fuqhom tiela' l-bini kollu tal-Kitba Maltija u li fih jidher il-qawwa u l-ġmiel tal-ġenju Malti fil-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum.*

*Iżda nistgħu ngħidu li aħna issa mexjin fuq art soda, li minn waqt għal ieħor saqajna ma jirfsux fuq biċċa art qarrieqa li titfagħna ġewwa xi dagħbien, għalkemm it-triq tidher watja u sħiħa? Għad illi sakemm ħaqna f'tarf ta' triq li minnha telgħin għal fuq il-għolja tal-Lsien Malti aħna għalibna x-xkiel ta' bosta ħotob u ħofor u xtum li fihom kemm-il darba konna sa naqgħu u nintradmu, u l-Lsien Malti f'daqqa waħda sab ruħu mqiegħed ma' ġenb il-għamara ta' ilsna wisq ixjeħ minnu bħala ilsna skolastiċi u akkademiċi, aħna ma għandniex nitqarrqu b'din il-qagħda sabiħa tal-Malti, għaliex jekk iktarx iċ-ċirkostanzi politiċi setgħu fetħu t-triq lill-Malti biex jitwettaq fil-qagħda tiegħu tal-lum, bit-tama li jibqa' jgħix għal dejjem, ċirkostanzi oħra jistgħu dlonk jinbtu—u kif jidher qegħdin bil-ħajra li jinbtu—bil-ħsieb li jwarrbu l-Malti mill-qagħda sabiħa li fiha jinsab, billi jibdew inaqqsulu xi jedd mill-iċken skejjel u jispiċċaw biex bil-ftit il-ftit, bi tberrin u b'nases burokratiċi, ikeċċuh il barra mill-bibien ta' l-Iskejjel Sekondarji u Universitarji.*

*Aħna nittamaw li dana ma jiġrix, iżda biex ma jiġrix jiħtieġ nifthu għajnejna u nilqgħu ruħna fil-waqt.*

*Il-ħsieb tal-"Għaqda" meta din inħolqot ma kien qatt li għandha tibni xi saltna kbira fid-dinja letterarja, li l-Lsien Malti jidħol fl-iskejjel bil-ħsieb li jwarrab ilsna oħra ixjeħ minnu bħala materja ta' studju, b'letteratura wisq akbar u sħiħa minn tiegħu,*

biex joggħod flokhom. Il-ħsieb tagħha kien dak li tressaq il-kittieba tagħha taħt saqaf wieħed u f'idejhom tagħtihom il-pinna ta' "ortografija waħda", mibnija fuq prinċipji grammatikali, u, kemm jista' jkun, xjentifiċi. Kienet il-ħeġġa, il-leħħa u l-fidi qawwija tal-kittieba tal-"Għaqda" li mill-banda l-oħra għenu lill-Gvern biex iwettaq b'metodi tajba u sħaħ il-ħsieb tiegħu. Il-Gvern b'hekk intrabat mal-"Għaqda" li għandu fl-użu u fit-tagħlim tal-Malti jimxi fuq is-sistema tal-kitba grammatikali tal-"Għaqda", u għalhekk ukoll fil-programmi skolastiċi jimxi fuq ir-radda tal-ħaddiema tiegħu fil-għaiga tal-kitba tal-Malti.

L-ewwel kmandament tat-tagħlim Malti skond is-sistema tal-"Għaqda" u tas-sengħa fl-kitba Maltija mibnija fuq prinċipji morfoloġiċi huwa t-tagħlim tal-grammatika Maltija. Jekk f'ilsna oħra inti tista' taqta' barra t-tagħlim ta' grammatiki, l-iktar f'ilsna ta' fergħa romanza, dan ma jistax isir fil-Malti bla ħsara kbira tal-Ilsien bħala Ilsien skolastiku u letterarju, u jeħtieġ li min għandu t-tmun tad-dgħajsa ta' l-Edukazzjoni f'Malta dan jifhmu tajjeb.

Nixtiequ, għalhekk, illi dawk kollha li għandhom sehem fis-sillabi skolastiċi ma jgħalltux il-ħsieb ewlieni tal-Gvern fuq it-tagħlim tal-Malti. Sew is-Surmastrijiet ta' l-iċken, kemm ta' l-ogħla skejjel, kemm dawk kollha li l-lum jagħmlu sehem mill-Kumitat ta' l-Edukazzjoni, jeħtieġ li, qabel ma jaqtgħuha, iqisu u jiżnu sewwa u jieħdu l-parir ta' min jifhem.

Il-grammatika fil-Malti hija s-sisien tat-tagħlim letterarju u xjentifiku tal-Malti, u barra minn dan, għandu jiftaħ u jwetti t-triq għall-istudju filoloġiku tal-Ilsien Malti fl-Università. Huwa prinċipju falz li tneħħi l-grammatika biex tħaffef it-tagħlim tal-Ilsien. Dan jista' forsi jsir b'mod prattiku biex wieħed jitgħallem jitkellem xi lsien, iżda le biex jiktbu skond ma jixraq. Min jaħseb li tista' tintgħallem il-kitba Maltija bla grammatika ma jixraqlux l-isem ta' surmast, ta' mexxej tat-Tagħlim, ta' Membru f'Kumitat ta' l-Edukazzjoni. Aħna madankollu ma rridux naħsbu illi l-ħsieb ta' min qiegħed isefsef u jsewwes biex titneħħa l-grammatika mis-sillabi skolastiċi, l-iktar fl-iskejjel elementari, huwa li jbaxxi l-prestiġju biex bil-mod il-mod il-Malti tinqeridlu ħajtu mill-iskejjel. Hu xinhu l-ħsieb ta' nies bħal dawn li għandhom xi "leħen" fit-tmexxija ta' l-Edukazzjoni f'Malta, nitolbu lill-Gvern li flok ma jagħtihom widen, iżommilhom idejhom u ma jħallihomx jagħmlu għajb lill-karika tagħhom u jgiddbu l-politka tiegħu fit-tagħlim tal-Malti.

A. Cremona

# AKKADEMJA

L-AKKADEMJA li l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* organizzat, nhar il-Ħadd, it-2 ta' Lulju, 1944, għall-okkażjoni ta' egħluq il-ħamsin sena li Mons. Dun Karm Psaila ilu jqaddes, irnexxiet tassew bil-kbir. Ħadu sehem il-Membri Akkademiċi tal-"Għaqda" u tista' tgħid il-kittieba Maltin kollha, u marru wkoll biex jagħmlu ġieħ lill-President Onorarju tal-"Għaqda" rappreżentanti tal-Kleru, tan-Nobbli, tal-Gradwati, kif ukoll tax-xirkiet u l-għaqdiet tal-Malti ta' dawn il-Gżejjer u ta' barra. Is-sala l-kbira ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Belt kienet mimlija bil-mistednin u kulħadd faħħar il-bċejjeċ letterarji u mużikali li nqraw u ndaqqu.

Il-President tal-"Għaqda", il-Kav. Dr. Ġużè Galea, fetaħ l-Akkademja b'taħdita li fiha, fost ċapċip kbir, fisser il-fehma u l-iskop ta' dik il-laqgħa. Imbagħad xi Membri Akkademiċi qraw xogħlijiet tagħhom ta' siwi letterarju għoli ħafna. Ingħoġbu ħafna wkoll il-kant u d-daqq li żewqu mhux ftit il-programm tal-laqgħa.

Mons. Psaila, bħala l-ogħla poeta Malti, qassam diplomi lir-rebbieħa tal-konkors li kienet nediet il-"Għaqda" u fl-aħħar għalaq l-Akkademja b'diskors li laqat lil kulħadd għall-ħlewwa u s-sinċerità tiegħu.

Biex tibqa' tifkira ta' dak li sar f'din l-Akkademja hawn taħt inġibu l-programm tagħha :

Akkademja li għamlet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", fit-2 ta' Lulju, 1944, fis-Sala ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Belt, f'ġieh il-Wisq Rev Mons. K. Psaila, egħluq il-50 sena li ilu jqaddes :

Innu tal-Papa

1. Kor—*Tu es Sacerdos*—Rev. Br. George, S.F.C. (Kor b'erba' ilħna tax-Xirka tal-Malti għat-Tfal).
2. Indirizz mill-Kav. Ġ. Galea, M.D., D.P.H., President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.
3. Orkestra—*Polnicher Nationaltanz*—X. Scharwenka.
4. *Ix-Xebh ta' Għanja ta' Ġan Anton Vassallo ma' Ballata Qadima Ingliża*—A. Cremona.
5. Kor—*Lil Malta*—Xirka tal-Malti għat-Tfal.
6. *Skejjel bla Alla*—Rev. Br. Amedy Charles, S.F.C.
7. Orkestra—*Czardas*—V. Monti.

Tqassim ta' Diplomi għall-Ballati ippremjati fil-konkors.

8. *Il-poeta ta' għada*—G. Chetcuti.
9. Solo—*Ir-Xenża ta' Qalbi*—(Ikanta t-tifel A. Cremona).
10. *Il-Ħidma għall-Paċi*—G. Zarb Adami.
11. Overture—*Califf of Bagdad*—F. A. Bioeldieu.
12. *Helsien*—Rev. Patri A. Born, O.P., C.F.
13. Solo—*Ave Maria*—Schubert (Ikanta t-tifel A. Cremona).
14. *Humanitas*—Dun Frans. Camilleri.
15. Orkestra—*In a Monastery Garden*—Ketelbey.

Innu Malti

God Save the King.

Iddoqq l-"Amateur Orchestra Mozart" taħt it-tmexxija ta' Mro. Salv. Caruana, B.Sc., M.D.

Is-Sala hija mislufa, bil-ħlewwa kollha mill-Kumitat ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Belt.

---

## NHAR L-AKKADEMJA F'ĠIEH IL-WISQ REV. MONS. C. PSAILA (DUN KARM)

2 TA' LULJU, 1944.

*Ta'* ALBERT M. CASSOLA

Il-frieghi tiegħek hawn, DUN KARM, ħaddara;
Kollha mdawrin maz-zokk li jsus fejħan :
Il-lejla ngabret din il-kotra bl-għan
Li tqim Poëta u Saċerdot ta' ħrara.

Int fit-tinwib tal-fergħat tiegħek tara
It-torċa tixgħel bl-iżjed nar setgħan
Tal-Poëżija mżejna bir-raħan !
U nistqarruh bis-sedq bħal fl-aħħar qrara

Li ridt tkun Int biex tqajjem mill-imwiet
L-Ilsien li diem midfun għal snin bla għadd
Fil-qabar fejn bla sabar żamm is-skiet—

Sakemm, sakemm bi nkejja ta' kullħadd
Raddejt l-Ilsien, mistejqer, lill-ulied !
Neżżajtlu l-kefen, tajtu l-ilbies tal-Ħadd !

# INKWIET FIL-FAMILJA

*(Dramm Soċjali fi 3 Atti)*

*Ta'* Ġużè' Galea

**PERSUNAĠĠI**

**Il-Ġeneral George Fitzroy.**
**Klotilde,** oħt il-Ġeneral.
**Sonja,** bint il-Ġeneral.
**Oliver,** bin il-Ġeneral.
**Sur Tumas,** ħabib tal-Ġeneral.
**Robert Stanley,** Tabib Militari.
**Rudolf De Vere,** Kaptan.
**Imħallef.**
**Kurunell.**
**Rikardu,** seftur.

Nies oħra: Fiżżjal, żewġ Surġenti, Waiter, Seftura, Ħbieb fil-Club.

*Id-dramm huwa ġrajja ta' żmienna.*

*L-ewwel att jiġri fid-dar tal-Ġeneral; il-palk juri sala b'tagħmira mobbli kif imiss, fost il-għamara jinħtieġu: gabinett-radju, pjanu, settee, imwejjed bil-vażetti tal-fjuri fuqhom.*

*It-tieni att jiġri fi Club.*

*Il-palk jista' jinqasam fi tnejn: in-naħa ta' quddiem, sala u n-naħa ta' wara bar. Fis-sala jidhru, fost ħwejjeġ oħra, pultruni, imwejjed bi qniepen fuqhom, u mejda bil-gazzetti.*

*Fil-bar ikun hemm bank tax-xorb, barman warajh u ħafna ħbieb jixorbu u jitkellmu.*

*It-tielet att isir fid-dar tal-Ġeneral fis-sala ta' l-ewwel att.*

## L-EWWEL ATT

*Sala fid-dar tal-Ġeneral, fiha settee, pultruni, imwejjed bil-vażetti tal-fjuri fuqhom, gabinett-radju fuq naħa waħda u pjanu fuq in-naħa l-oħra. Fuq il-lemin hemm bieb li jagħti għal swali oħra u fuq ix-xellug bieb ieħor li jagħti għad-daħla tad-dar.*

*Il-Ġeneral bil-qiegħda fuq pultruna ma' ġenb ir-radju, jaqra ittra, is-Sinjura Klotilde fuq is-settee taħdem il-kalzetta u Sonja ddoqq il-pjanu.*

**Ġeneral :**

(*iferfer ittra f'idu*) Dak it-tifel se jibgħatni l-qabar; ilu jħabbatni minn meta kien għadu żgħir.

**Klotilde :**

Oliver dejjem għamel li daqqlu moħħu; qatt ma sama' milli għednielu aħna.

**Ġeneral :**

Qatt ma ta widen ta' dak li kont nixtieq minnu.

**Sonja :**

(*iddur fuq il-banketta tal-pjanu*) Papà, ma tistax tgħid li Oliver ma qisħiex il-kelma tiegħek. Inti mhux dejjem ħajjartu biex jaqbad il-ħajja ta' suldat?

**Ġeneral :**

(*bis-saħna*) Ħajjartu jaqbad il-ħajja ta' suldat, iżda mhux li jmur jidħol suldat bħal ulied il-ħaddiema u l-bdiewa. Ridtu jitgħallem biex jidħol Fizzjal mill-ewwel, ħalli grad wara l-ieħor, jibqa' tiela' bħalma tlajt jien u bħalma telgħu u laħqu niesna kollha ta' qabilna.

**Klotilde :**

Min kellu jgħidli li għad nara 'l bin ħija suldat !

**Ġeneral :**

Suldat ! Ħabba suldat bla ma jqisu ħadd ! Mn'Alla li ma għadnix fis-servizz. Min jaf x'kienu jgħidu sħabi, il-Ġenerali l-oħra, meta jisimgħu li ibni daħal suldat !

**Klotilde :**

Fost ir-razza tagħna kollha Oliver biss kellu jilbes uniformi bla ma għandu dritt iġib ix-xabla mdendla ma' qaddu !

**Sonja :**

Oliver għad jista' jgħaddi 'l quddiem u jogħla 'l fuq.

**Klotilde :**

Għandu mnejn jilħaq kapural jew isir surġent !

**Ġeneral :**

(*jagħti daqqa b'idu fuq driegħ il-pultruna*). Ibni kapural ! Bin il-Ġeneral George, Andrew, Patrick, Charles Fitzroy kapural ! Għajb għall-familja tagħna kollha !

**Sonja :**

Billi wieħed ikun kapural ma jtabbax il-ġieħ ta' razztu. Illum minn kapural, wieħed jista' jilħaq Fizzjal.

**Klotilde:**

Il-lum iż-żminijiet inqalbu. Fi żmieni ma kinux isiru Fizzjali ħlief ulied in-nobbli jew il-għonja.

**Ġeneral:**

Dawk kienu żminijiet!

**Sonja:**

*(biex taqleb id-diskors).* Papà, x'kitiblek f'dik l-ittra Oliver?

**Ġeneral:**

Bagħat igħidli li issa għadda għall-aħjar; qajmuh mis-sodda u jittama li wara li jibagħtuh mill-isptar jagħtuh xi erbat ijiem frank biex iqattagħhom id-dar magħna.

**Sonja:**

Kemm se nifraħ meta narġa' nara 'l ħija magħna! Wara dak il-perikli li għadda minnu, għandna xorti kbira li se nerġgħu naraw fostna 'l Oliver qawwi u sħiħ. Ma tixtiqux jasal bla dewmien, Papà?

**Ġeneral:**

Nixtiequ jasal il-lum qabel għada, iżda ibagħtu għidulu biex ma jiġix quddiemi liebes ta' suldat.

**Klotilde:**

*(tħares lejn l-arloġġ ta' idha)* Wasal ħin l-aħbarijiet. *(lill-Ġeneral)* Il-lum ma tridx tisma' l-aħbarijiet, Ġorġ?

*(Il-Ġeneral jiftaħ ir-radju u jibda jdawwar il-pum sakemm isib l-istazzjon li jixtieq).*

*(Mir-radju jinstemgħu jixxandru l-aħbarijiet tal-jum. Wara l-aħbarijiet tinstama' din ix-xandira:)*

"Ftit ilu waslu f'din il-belt tliet Fizzjali li nbagħtu lura minn fuq il-fruntiera għax naqsu minn dmirhom u wrew ruħhom bla ħila; issa ma jdumux ma jgħaddu Qorti Marzjali."

**Sonja:**

Tara x'isarrfu l-Fizzjali, Papà! Mhux aħjar Oliver hu suldat milli, Alla jħares qatt, kien Fizzjal bħal dawk?!

**Ġeneral:**

*(imbaqbaq).* Dan li jiġri ta' li qegħdin ilaħħqu Fizzjali nies li kienu suldati.

**Klotilde:**

Fizzjali kienu dawk ta' żmieni! Kull raġel qisu paladin, iżejnu triq; kollha wlied in-nobbli.

**Ġeneral:**

Mhux bħal Fizzjali tal-lum, qishom irġiel tat-tiben jebsin l-uniformi.

**Sonja:**

Jiġifieri, Papà, ma għandekx għax teħodha bi kbira jekk Oliver ma sarx wieħed minnhom!

**Ġeneral:**

*(iqum bis-saħħa u jħabbat sieqa mal-art—lil Sonja)*. Inti biex taqbeż għal ħuk trid titkellem fuq ħwejjeġ li ma tifhimx fihom. Għalxejn ngħidlek biex ma tindaħalx fejn ma jesgħekx, kull darba taqbeż u tgħid tiegħek; qisek tagħmlu biex tifnini! Saħħa! *(joħroġ imbaqbaq)*.

**Klotilde:**

*(lil Sonja)*. Intom iż-żgħażagħ tal-lum ma għandkom l-ebda rispett għall-kbar; kull ma tgħidu biex tkidduna. *(Tiġbor is-suf tal-kalzetta u toħroġ imqita)*.

*(Sonja tibqa' tilgħab għal xi ftit mar-radju, imbagħad tmur tirranġa l-fjuri fil-vażett ta' fuq il-mejda.—Tinstama' l-qanpiena tal-bieb ta' barra ċċempel.—Sonja tidħol bil-lajma fil-kamra tal-ġenb issejjaħ lis-seftur Rikardu biex imur jara min ġie)*.

**Rikardu:**

*(jidħol mill-bieb li jagħti għan-naħa ta' barra u jieqaf ma' ġenb il-kontra tal-bieb biex jagħmel il-wisa' lis-Sur Tumas)*. Għaddi, Sur Tumas, għaddi. Il-Ġeneral dalwaqt jinżel jarak. Daż-żmien is-sinjur ma tantx jifraħ biż-żjajjar, iżda għalik il-bieb dejjem miftuħ.

**Sur Tumas:**

Il-Ġeneral dan l-aħbar ma nafx kif qiegħed naraħ.

**Rikardu:**

Kemm ilu li ibnu daħal suldat, il-Ġeneral ma jrid jaf b'xejn; waqgħet bruda kbira fuqu li tħassibni.

**Sur Tumas:**

*(imur joqgħod bil-qiegħda fuq pultruna)*. Mela wasalt tajjeb. Ġibt aħbar li jieħu pjaċir biha l-Ġeneral.

**Rikardu:**

Aħbar tajba?

**Sur Tumas:**

U kemm!

**Rikardu:**

Fuq ibnu?

**Sur Tumas:**

Fuq bintu.

**Rikardu:**

*(bil-herqa).* Fuq Sonja.

**Sur Tumas:**

*(jitfa' fuq Rikardu harsa li tfissèr hafna).* Żagħżugħ qisu paladin, tifel sewwa u ma jonqsu xejn; Kaptan, fuq ruħu jżejjen uniformi, ma ilux li wasal lura minn fuq il-fruntiera; iħobb lil Sonja daqs id-dawl ta' għajnejh, ilu bi ħsiebha żmien twil. Kemm se tkun hienja miegħu dik it-tfajla.

**Rikardu:**

Sonja wkoll migħuma warajh, kellha seba' mitt sena biex jasal lura mill-fruntiera.

**Sur Tumas:**

*(mistagħġeb).* Mela Sonja tafu?

**Rikardu:**

Sonja u t-tabib ilhom żmien twil jinħabbu.

**Sur Tumas:**

*(aktar mistagħġeb).* X'tabib?

**Rikardu:**

It-tabib Robert Stanley, dak li issa daħal fl-armata u laħaq Kaptan Tabib tar-Riġment.

**Sur Tumas:**

*(jinfexx jidħak).* X'tabib ta' rasek!

**Ġeneral:**

*(jidħol il-Ġeneral mill-bieb li jagħti għas-swali l-oħra tad-dar)* *(imur jieħu b'id is-Sur Tumas).* Sur Tumas merħba bik; x'ġiebek dal-għodu?

**Rikardu:**

Aħbar tajba, sinjur. *(minn taħt ilsien)* Halli mmur ngħarraf b'kollox lis-sinjurina. Kemm sejra tieħu pjaċir. *(Rikardu joħroġ mill-bieb minejn ħarġet Sonja).*

**Ġeneral:**

*(jiġbed siġġu u joqgħod bil-qiegħda ħdejn is-Sur Tumas).* Aħbar tajba, Tom? Bħalissa nixtieqha xi aħbar tajba daqs kemm kelli nkwiet dan l-aħħar.

**Sur Tumas:**

Mela iftaħ widnejk b'ex tisma' aħbar li tferraħlek qalbek. Il-Kaptan Rudolf De Vere tafu?

**Ġeneral:**

Smajt min isemmih. Ta' De Vere nies magħrufin.

**Sur Tumas:**

Famiġja mill-aktar nobbli; nisel li jgħodd mijiet ta' snin. Il-Kaptan Rudolf żagħżugħ ma jonqsu xejn. Fizzjal iġib għira.

**Ġeneral:**

Qatt ma ltqajt miegħu.

**Sur Tumas:**

Kemm jixtiek jarak. Kemm jixtieq ikellmek.

**Ġeneral:**

(*mħasseb*). Jixtieq jarani?

**Sur Tumas:**

(*bi tbissima*). Għax De Vere jħoss ruħu mitluf wara Sonja u jixtieq jitlobhielek b'għarusa tiegħu.

**Ġeneral:**

(*miblugħ*). Imma... imma...

**Sur Tumas:**

(*bil-ħatfa*). Ħallik mill-imma. Żagħżugħ bħal dak ma għandekx għalfejn toqgħod taħsibha darbtejn biex tgħarrsu lil bintek. Min jaf kemm hawn min jixtiequ. Nagħmel imħatra li hawn min irid iħallas ma nafx kemm biex ikollu l-ġieħ jitħallat ma' ta' De Vere.

**Ġeneral:**

Issa nara Sonja x'jidhrilha.

**Sur Tumas:**

Sonja ma jmissiex tgħid le għal għarus bħal dak. Xi trid aktar? Rudolf Fizzjal li għad igħaddi 'l quddiem; żagħżugħ għani ma jonqsu xejn.

**Ġeneral:**

Binti anqas ma hi meqsa minn xi ħaġa, u jekk ma tħossx ġibda lejn De Vere ma nistax inġagħalha tieħdu.

**Sur Tumas:**

Naħseb li xi ġibda bejniethom hemm.

**Ġeneral:**

De Vere jafha lil Sonja?

**Sur Tumas:**

Milli nista' nifhem jafha u ilu bi ħsiebha; għadu bilkemm raġa' lura minn fuq il-fruntiera u malli wasal l-ewwel ħsieb tiegħu kien li jitgħarras ma' Sonja.

**Ġeneral:**

Dan il-Kaptan De Vere kif ħolom b'Sonja? Biex wasal sa hawn naħseb li ilu jafha. U dik Sonja taf x'fiha! għandha mnejn ilha tkellmu ħafna u jien ma naf b'xejn.

**Sur Tumas:**

De Vere fizzjal nobbli u għandu min jaqilgħu, għad igħaddi 'l quddiem u jilħaq fil-għoli. Malli s-Sinjura Klotilde tkun taf bih tara kemm tieħu pjaċir.

**Ġeneral:**

Dik meta nsemmilha n-nobbli ma hemmx fejn tasal iżjed, mur ara kemm se tifraħ meta ngħidilha li 'l Sonja bagħat joħtobha bin waħda mill-aqwa familji; minn dejjem din kienet ix-xewqa ta' Klotilde li tara l-familja tagħna mħallta ma' oħra għolja u ta' ġieh!

**Sur Tumas:**

Dawk ta' De Vere ma jiksirhom ħadd u l-Kaptan Rudolf ma hawnx bħalu.

**Ġeneral:**

*(wara li jdum jaħsibha xi ftit)*. Nixtieq niltaqa' mal-Kaptan De Vere.

**Sur Tumas:**

Halli fi ħsiebi; il-lejla nlaqqagħkom. Inti x'ħin tkun il-Club?

**Ġeneral:**

Wara nofs in-nhar dejjem immur.

**Sur Tumas:**

Mela l-lejla niltaqgħu hemm u nixorbu t-tlieta flimkien. Issa sejjer inħallik *(iqum u jieħu b'idejn il-General, li jqum ukoll)*. Saħħa u tinsix li l-lejla niltaqgħu.

*(Is-sur Tumas joħroġ).*

*(Il-Ġeneral jinxteħet bil-qiegħda fuq pultruna, itella' sieq fuq oħra, joħroġ il-kaxxa tas-sigarretti, iqabbad sigarett u jibda jdaħħan bil-lajma, imbagħad jibda jaħseb).*

*(Tidħol Sonja ferriħija u daħkana).*

**Sonja:**

Papà! Papà! Tassew dak li qalli Rikardu?

**Ġeneral:**

X'qalliek?

**Sonja:**

Qalli li s-Sur Tumas ġie jkellmek fuq il-għarus tiegħi...

**Ġeneral:**

Ġie ikellimni fuq wieħed li jixtieq jitgħarras miegħek. Mur obsor għalik! ilek tħares lejh ħafna u lili ma turini xejn!

*(Sonja tħoss uħiha mistħija).*

Isa, isa, toqgħodx tħammarli wiċċek; għaltaparsi qiegħda tistħi! Taħseb li ma nafx li qalbek trid ittir bil-ferħ?

**Sonja:**

Papà, ma nafx x'nibda ngħid.

**Ġeneral:**

*(iqum u jmur jiħu b'id bintu u jqagħalha toqgħod bil-qiegħda fuq is-sufan ma' ġenbu).* Jiġifieri kontu tinħabbu bil-moħbi u lili qatt ma wrejtni b'xejn. X, kemm ilek tafu lil dan il-maħbub tiegħek?

**Sonja:**

Kier għadu student.

**Ġeneral:**

Mela ilkom għal xulxin. Dan kif lili qatt ma tarraftli kelma fuqu?

**Sonja:**

Għax dejjem bżajt li ma tkunx kuntent bih

**Ġeneral:**

Anqas liz-zija Klotilde ma wrejt b'din l-imħabba tiegħek?

**Sonja:**

Dik aktar bżajt minnha, daqs kemm għandha rasha mimlija bil-frugħa.

**Ġeneral:**

*(wara li jibqa' ħosbien għal xi ftit).* Qalbi tgħidli li jħobbok dan il-Fizzjal. Ladarba malli reġa' lura mit-taqbid mal-għadu, ħaseb biex jibgħat jitlobni ngħarrsek miegħu.

**Sonja:**

*(bil-hrara).* Robert iħobbni daqs id-dawl ta' għajnejh. Miġnun għalija.

**Ġeneral:**

*(mistagħġeb u mfantas).* Robert! Robert, għidt?

**Sonja:**

It-Tabib Robert Stanley, dak li issa laħaq Tabib-Kaptan fl-Armata u għadu kemm raġa' lura għal ftit tal-mistrieħ.

**Ġeneral:**

(*igħolli leħnu*). U min semmihulek lit-Tabib Stanley?

**Sonja:**

Rikardu għadu kemm qalli li ġie s-Sur Tumas għax bagħtu jkellmek it-Tabib Robert Stanley.

**Ġeneral:**

(*jitlef is-sabar*). Dan it-Tabib Robert Stanley min hu? Min jafu?! Min semmieh?!

**Sonja:**

(*mistagħġba*). Mhux inti għadek kemm għidtli li bagħat joħtobni Fizzjal għadu kemm jasal minn fuq il-fruntiera?

**Ġeneral:**

Imma jien ma semmejtlekx tabib! Mela jien irridek titgħarras ma' tabib! Jien irridek tieħu żagħżugħ nobbli, bin waħda mill-aqwa familji, Fizzjal ta' ġieh li għad jogħla u jgħaddi 'l quddiem, bħalma hu l-Kaptan Rudolf De Vere dak li bagħat jitolbok b'għarusa tiegħu mas-Sur Tumas.

**Sonja:**

(*miblugħa u ttemtem*). Dan il-bniedem ma nafux. Qatt ma rajtu.

**Ġeneral:**

(*bil-ħalfa*). Tibda tarah issa!

**Sonja:**

Imma jien ma nistax inħobbu; qalbi tajtha lil ħaddieħor.

**Ġeneral:**

(*imgħaddab*). Lil min? Lil dak it-tabib li semmejtli? M'intix taħseb li se nħallik titgħarras miegħu, hux?!

**Sonja:**

Għaliex, Papà?

**Ġeneral:**

Għax ma rridx narak nieqsa mill-qima u l-ġieħ, ma rridekx tintrabat ma' naqra ta' tabib li ma jafu ħadd u tgħaddi ħajtek qalb il-morda u l-irwejjaħ tad-disinfettanti.

**Sonja:**

Iżda jiena nħobb lil Robert u qalbi marbuta miegħu,

**Ġeneral:**

Ma tistħix tgħid li qalbek marbuta ma' bniedem bħal dak, bla isem, bla titlu! 'Mnalla li kienet il-gwerra biex libes uniformi! Malli tispiċċa l-gwerra jarġa' jaqa' għat-termometru u għar-riċetti ta' l-uġigħ ta' żaqq!

**Sonja:**

Papà, qiegħed tweġġagħli qalbi. *(Sonja tibda tolfoq)*.

*(Is-Sinjura Klotilde tidħol mill-bieb tal-ġenb)*.

**Klotilde:**

X'inqala' dan il-għajat kollu? *(tħares lejn Sonja)*. Xi ġralek Sonja, għax qiegħda tibki?

**Ġeneral:**

Dawn uliedi sa jibagħtuni l-qabar! L-ewwel it-tifel mar daħal suldat, issa din trid tagħmel ta' rasha.

**Klotilde:**

*(tersaq lejn Sonja tmellsilha rasha)*. X'inqala' issa? Għax qiegħda tħabbtu mill-papà!

**Ġeneral:**

Għadu kemm ġie s-Sur Tumas bl-aħbar li l-Kaptan Rudolf De Vere jixtieq jitgħarras ma' Sonja u hija ma tridx taf bih għax għandha wieħed ieħor, daqsxejn ta' tabib li ma jafu ħadd.

**Klotilde:**

*(bil-ħerqa)*. De Vere? Rudolf De Vere! Dawk ta' De Vere magħrufin bħala nies mill-aktar nobbli. Isimhom wieħed mill-ewlenin li jidhru fid-De Gotha u fid-Debrett. X'ġieh ikun għalina jekk nitħalltu magħhom!

**Ġeneral:**

Imma din is-sinjurina ma tridx taf bihom.

**Klotilde:**

*(iddur bil-ħerra fuq Sonja)*. Ma tridx taf bil-Kaptan De Vere? Mela tlift moħħok! Mela ma għandekx ambizzjoni! Mela ma tagħrafx it-tajjeb mill-ħażin!

**Sonja:**

*(tolfoq)*. Ma nafux, ma nistax inħobbu.

**Ġeneral:**

Rabtet qalbha ma' naqra ta' tabib li daħal fil-militar kemm ilha l-gwerra, wieħed li ma jafu ħadd, li qatt ma ssemma' b'xejn!

**Klotilde:**

Min hu dan it-tabib?

**Sonja :**

Dottor Robert Stanley.

**Klotilde :**

Dak li kien ipoġġi f'din l-ispiżerija ftit il fuq minna. Għalhekk qabel il-gwerra kont ta' sikwit narah għaddej minn quddiemna. Ma tridx jaqaw tħalit it-Tabib Stanley mal-Kaptan De Vere?

**Sonja :**

*(tħoss)*. Għalija t-Tabib Stanley jiswa daqs mitt elf De Vere. Robert żagħżugħ ta' għerf u ħila; tgħallem, ħa l-lawrija u laħaq tabib b'ħiltu biss; ma għandu bżonn ta' ħadd, jista' jersaq b'wiċċu minn quddiem kull fejn irid bla ma jħoss ruħu anqas minn ħaddieħor. X'għandu jaqilgħu lil Kaptan tagħkom? Għax kunjomu De Vere taħsbu li n-nies għandhom imejlu rashom quddiemu? Intom għandkom raskom mimlija bl-unuri, nobbiltà u sinjurija; il-lum dawn ma jsarrfu xejn, il-lum il-bniedem jingħadd b'kemm jiswa hu u mhux b'riħet xi antenat tiegħu li għex mijiet ta' snin qablu.

**Klotilde :**

*(bil-ħanqa)*. Iskot, ma tafx x'inti tgħid.

**Sonja :**

Naf x'jiena ngħid aktar milli taf int. Inti kif tista' titkellem fuq il-ħajja tal-lum meta moħħok u ħsiebek medhijin fuq ħmerijiet ta' kburija fiergħa u drawwiet boloh ta' mitejn sena ilu.

**Klotilde :**

*(titmasħan)*. Dan li jonqos issa ċċanfarni u tgħajjarni biex iġġib ruħek għalkollox bħat-tfajliet tal-lum. Jaqaw it-tabib tiegħek għallmek tiżżargan u twieġeb b'din il-kobrija kollha?

**Ġeneral :**

*(bi ftit iberred)*. Klotilde tagħtix widen għall-kliem ta' Sonja. Hija ma tridx tweġġagħlek qalbek.

**Klotilde :**

*(tieħu għaliha)*. Sonja trid tweġġagħli qalbi, trid tregħexni, trid iċċekkinni; imma jien ma biħsiebnix noqgħod għal dan; ma rridx inkellimha aktar, ma rridx naraha aktar b'għajnejja.
*(Klotilde toħroġ b'dagħdigħa)*.

**Ġeneral :**

Tara kif ksirtilha qalbha lil zitek?

**Sonja:**

Papà aħfirli, imma ma flaħtx inħalliha tmaqdar lil min tħobb qalbi.

**Ġeneral:**

Issa se jitilgħuli lili wkoll! Ma rridx nisimgħek ittenni darba oħra li qalbek tajtha lil dak il-mingħul ta' tabib! Jiħtieġlek tinsieh; jiħtieġlek twarrbu minn quddiem għajnejk. Isma' sewwa x'qiegħed inwissik: jiħtieġlek tinsieh lit-Tabib Stanley darba għal dejjem għax għada jew pitgħada l-Kaptan De Vere jidħol f'din id-dar bħala għarus tiegħek.

**Sonja:**

(*imbikkija*). Papà, trid issallabni għal għomri! Ma tarax li ma nistax nintrabat ma' bniedem li ma nħobbux?

**Ġeneral:**

Issa jidhirlek li ma tħobbux lil Kaptan De Vere għax għad għandek rasek mimlija bit-Tabib Stanley, imma meta ssir tafu u tidraħ lil Kaptan, tara kif tinġibed lejh u tbierek lili li ma ħallejtekx tintilef fil-ħmerijiet.

**Sonja:**

Papà jekk tweb'bes rasek iġġagħalni ma nismax minnek.

**Ġeneral:**

(*jitlef is-sabar u jisħon*). Hekk ikollok tisma minni u tagħmel dak li nordnalek! Lili għadu ħadd ma qalli le meta ordnajt li ssir xi ħaġa.

**Sonja:**

Jisgħobbija, papà, li qiegħed tqisni xi wieħed mis-suldati li kellek taħtek. (*Sonja toħroġ magħdura u liebta*).

(*Il-Ġeneral idur mal-kamra, daqqa jieqaf u daqqa jħabbat saqajh ma' l-art; jitkellem waħdu u maħnuq bid-dagħdigħa*)

**Ġeneral:**

Saħta fuq it-tfal tal-lum! Huma jidhrilhom li għandhom jagħmlu dak li jdoqqilhom moħħom; qatt ma joqogħdu għat-twissijiet ta' missierhom; iriduha ta' rajhom f'idejhom. Imma jiena lil Sonja miniex se nħalliha tagħmel dak li trid hi! Hekka lil De Vere jkollha tieħu; hekka jkollha titilqu lit-tabib! U dak ix-xitan ta' tabib fejn sabha lil Sonja? Min laqqagħhulha? (*jagħti daqqa fuq ġbinu*). Żgur Rikardu laqqagħhom! Dak is-seksiek ħażin daqs tengħuda, moħħu dejjem iberren biex jara x'jaqla' u jħawwad ħalli jdabbar xi ħaġa; nagħmel imħatra li hu webbel

li Sonja b'dak ix-xifajk ta' tabib. Ħalli naraw nilwilux għonqu. (*Ġeneral iċempel ċanpiena bis-saħħa u jgħajjat*). Rikardu! Rikardu!

(*Rikardu jidħol jiġri u jieqaf iebes quddiem il-Ġeneral qisu suldat*).

**Rikardu :**

Hawn sinjur.

**Ġeneral :**

(*imqit*). N'mort tgħidilha lil Sonja fuq li ġie s-Sur Tumas?

**Rikardu :**

Xtaqt inkun l-ewwel wieħed li nagħtiha l-aħbar ta' ferħ lis-sinjurina għax naf kemm tħobb lil Dottor Stanley?

**Ġeneral :**

(*bis-saħna*). Dottor Stanley tax-xjaten! Min ħollmok bid-Dottor Stanley?

**Rikardu :**

(*mibluħ*). Is-Sur Tumas qalli li ġie jkellmek fuq wieħed Fizzjal li jħobb lil Sonja daqs id-dawl ta' għajnejh li ilu bi ħsiebha żmien twil.

**Ġeneral :**

Lit-Tabib Stanley min semmihulek?

**Rikardu :**

It-Tabib Stanley ilu ħafna bi ħsieb Sonja, issa daħal mal-Militar u laħaq Kaptan.

**Ġeneral :**

(*jitilgħulu u jagħti daqqa b'idu fuq il-mejda*). Ħmar bla moħħ! Baħnan bla ras! U inti fejn taf li t-Tabib Stanley jħobb lil Sonja?

**Rikardu :**

(*mifxul u jtemtem*). Għax... għax naf.

**Ġeneral :**

Kont taqdih biex twassallu l-ittri għal Sonja; hux tassew?

**Rikardu :**

(*ilaqlaq*). Xi darba ġie li wassaltlu xi risposta.

**Ġeneral :**

Dan ix-xogħol kemm ilu sejjer?

**Rikardu :**

Sonja u t-Tabib ilhom is-snin għal xulxin, minn meta hu kien għadu student fl-Università.

**Ġeneral:**

Mela inti ilek is-snin tgħaddi ż-żmien bija; ilek qatigħ taqdihom bil-moħbi u ġġenninhom għal xulxin. Hux int ħajjartha lil Sonja?! Hux int webbilta bit-Tabib, ja ħatba tax-xitan?!

**Rikardu:**

Sonja ma għandhiex għalfejn min iħajjarha għat-Tabib daqs kemm tħobbu.

**Ġeneral:**

Oħroġli 'l barra minn hawn, ja kibxi, qarrieq. Allajħares nisimgħek issemmi t-Tabib Stanley f'din id-dar għax b'rasek idur!

*(Rikardu joħroġ kiebi u mismut. Il-Ġeneral jibqa' b'idu merfugħa juri l-bieb lil Rikardu.)*

Jinżel is-siparju.

*(Jissokta)*

---

## F'JUM L-INGRESS TAL-MAĦBUB ARĊISQOF MONS. MICHAEL GONZI D.D., L-EWWEL METROPOLITA TA' MALTA

### IT-22 TA' MEJJU, 1944.

*Tal*-KAN. A. COPPERSTONE

Titkabbar b'jedd, u kif! il-Gżira tagħna
Bl-Isqof MIKIELI tagħha r-Ragħaj ġdid,
B'ħerqtu u tjubitu, b'għerfu q'tigħ ferħana,
Ġawhr'oħra sbejħa f'rasha Ismu jżid.
Merħba, mitt Barka lit-Twajjeb Ragħaj,
Li wirt l-Appostlu f'ruħna għandu jżomm ħaj!
Missier għandn' aħna li minn Alla ġiena

Mimli bis-setgħa għal saħħet l-erwieħ:
Kewkba fil-lejl, fl-imrar qalb kollha ħniena,
B'għatx wieħed fih, li l-Kbir jiżreġ Rebbieħ.
Malta ommu-bintu mħeġġa sebħ tagħtih
B'talb li Mulejna b'ħafna għomor jagħnih
Idwi, ja Leħen, Leħen Kristu Sidna,

Għal ġieh is-Sew u d-duwa tad-drawwiet
Biex tabilħaqq Maltin, kif Inti tridna,
Minn Qasam Pubblju lkoll niksbu s-smewwiet.
Mal-ward u l-qniepen, fl-ogħla għajat ta' sliem
Qlubna nwegħduk sħaħ issa u bla tmiem.

# D W I E M

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

DLAM. Dlam li jwaħħax, kullimkien. Ħajt samm ta' swied li jagħmi!

Leħen ta' tromba, qawwi, twil, irqiq.

Ieħor aqwa, itwal, eqreb.

U ieħor u ieħor u ieħor...... U oħrajn, wara xulxin, ġo xulxin...... Għaxra, mija, elf, eluf......

Trombi, trombi, trombi......

Diwi ta' għajat imbiegħed, idamdam, iriegħed...... Riesaq u joktor, riesaq u joktor, riesaq u joktor......

Dlam, trombi u għajat f'mewġa waħda qawwija qalila li tkexkex, li tbażża': mewġa waħda migbura minn għaxriet, mijiet, eluf ta' ħalel kbar jitgerbu, jingħalbu, jinsebqu... resqin u joktru, resqin u joktru, resqin u joktru.

U trombi, trombi, trombi......

Fil-ħajt samm ta' swied li jagħmi, xaqq irqiq u twil, xafra ta' dawl imgħajjeb, imgħabbex, dagħmieni, sewdieni, ġaħrieni, ħamrani, safrani, bajdani...... li jgħammex, li jisreġ, li jagħmi...

Dawl. Dawl li jwennes, kullimkien. Ħajt samm ta' bjuda li jagħmi!

Dawl, dawl, dawl...... u għajat u trombi......

Tqanqila ta' żiffa melliesa ħafifa li toktor issaffar u tiġri... li tfewweġ u tvenven, titqawwa, titqal u tiqliel... tinbidel f'riħ jonfoħ li jokrob u jwerżaq... jitħawwad mal-leħen tat-trombi... Riefnu li jiġri, li jiġri, li jiġri, li jtarrax, għaddej bla ma jaqta'...

Fost l-ilħna tat-trombi u l-għajat, imkaxkrin, imtajrin, imlebbtin, misjuqin, ma' kull mewġa tar-riħ, u bħal beraq ileħħu fid-dawl, igħibu u jfiġġu, igħibu u jfiġġu, igħibu u jfiġġu, kotrana, kotrana, kotrana, ġejjin bla ma jaqtgħu, jinqalbu, jitmewġu, immexxija minn rieda li tamar igargru... bla nifs, bla waqfien, qtajja', qtajja' ta' nies......

Nies......

Għaxriet, mijiet, eluf, eluf ta' l-eluf......

Nies......

Qatet, ġemgħat, tajfiet, għaqdiet, xirkiet......

Nies......

Xjuħ u żgħażagħ, tfal u trabi, irġiel u nisa......

Nies......

Fqar u għonja, qaddejja u mexxejja, rsiera u slaten, maħkuma u ħakkiema......

Nies......

Miġbura, mifruda, mibluha, mikduda, minfuħa, misbuka, ħelsin, imxekklin, feʼħanin, għajjenin......

Nies nies nies!...... Ta' kull sura u kull għamla, kull ġens kull qabil... Ta' kull xorta, kull qagħda, kull ġidd u kull lewn... Ta' kull din u twemmin...

Haddieda, kittieba, qaddiefa, nissieġa, naġġara, ħassiela u bdiewa u tobba u għorrief, qassisin, ħajjatin, baħħarin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin......

Dawl qawwi li dejjem jiżdied ta' xmux u ta' oqmra u ta' kwiekeb fis-sema fil-baħar u fl-art imwaħħdin...... mill-ġdid imwaħħdin bħal fil-bidu ta' kollox......

Jingħaqad id-diwi tat-trombi f'ħoss wieħed bla hedu fil-bgħid u fil-qrib, max-xelug, mal-lemin, minn fuq u minn taħt, minn quddiem u minn wara... Leħen wieħed... leħen wieħed... leħen wieħed!

Jingħaqad l-għajat u jitwaħħad f'kull xorta ta' lfiq u ta' biki ta' krib u twerżiq, ta' daħk mingħajr jies... Hoss wieħed imħallat li għandu minn kollha, li m'hu l-ebda wieħed, imkarkar maħtuf jew miksur... Leħen wieħed... leħen wieħed... leħen wieħed!

Raddiena ta' rjus qed imewġu, tixjir ta' l-idejn imgħollija, ma' xulxin, ħdejn xulxin, fuq xulxin, taħt xulxin; weqfin u mqanqlin bħal baħar imqalleb bla ħniena bla serħ u bla sliema, raddiena raddiena raddiena......

Twaħħida ta' kollox!
Hoss wieħed, dawl wieħed, għan wieħed.
U waqfa ta' f'daqqa ta' kollox f'waqt wieħed.
Leħen wieħed minn ħsieb wieħed ta' ġens wieħed.
Amar wieħed fuq ħolqien wieħed għal ħaqq wieħed.
Grajja waħda, ta' l-aħħar, għal dejjem, fuq kollox.
Waqfa ta' f'daqqa ta' kollox għal waqt wieħed.
U LEĦEN .....

Leħen li jamar, leħen ta' qies u ta' ħaqq, ta' missier u ta' mħallef......

Leħen li jċanfar u jfaħħar, li jwaħħax u jwennes, li jbekket u jiġżi, li jtarraf il-ġrajja tal-bniedem mill-bidu sat-tmiem.

Leħen ħanin u qalil, leħen għoli jew kiebi jew sieber jew dewwi kif jixraq, kif xeraq, mill-bidu sat-tmiem.

Leħen li jwaħħad il-ġrajja tal-bniedem mill-bidu sat-tmiem. ġrajja waħda, għami! wieħed, ħaqq wieħed......

U l-LEĦEN itemm......

Titqanqal mill-ġdid dik il-mewġa ta' rjus u ta' idejn......

U kollha jinfirdu f'żewġ sriebet, mifruqa, magħżula għal dejjem... Fid-dawl jew fid-dlam, f'lemin jew f'xellug, min f'telgħa min f'niżla; min f'għanja ta' sliem u ta' hena li titla' li titla' li titla'...... min f'karba ta' ħarb u ta' dagħa li tinżel li tinżel li tinżel......

U mill-ġdid daqq ta' trombi u għajat......

U mill-ġdid dak ir-riefnu li jtajjar u jkaxkar li jbattal u jgorr......

Il-firda ta' l-aħħar dejjiema......

Il-għaqda ta' l-aħħar dejjiema......

U t-trombi u l-għajat jitbiegħdu u jonqsu, jitbiegħdu u jonqsu, jitbiegħdu u jonqsu... jitgħakksu... jintemmu... jintilfu fix-xejn!

U kollox mill-ġdid jisfa' sielem......

Għal dejjem għal dejjem għal dejjem......

18-1-13.

---

## L-IMDINA

### *Ta'* R. BRIFFA

Kont l-isbaħ fost is-sbieħ, Omm l-Ibliet tagħna,
Tal-Malti l-għaxqa, l-għira tal-barrani;
Waħdek fil-għoli, bħalek ħadd setgħana.
Imħarsa mid-Dell għaqli tal-Warrani.

Mgħobbija b'elf salib kienu serħana,
Iħossu ruħhom biss il-fqir u l-għani
X'ħin lilhom tħaddan bid-dirgħajn felħana
U ttihom wens mill-qilla, mill-Furbani.

Il-lum inżajt mil-leħħa ta' xbubitek
U tfittex biss il-hena tal-mistrieħ;
'Ma sbejħa fost is-sbieħ sa fi xjuħitek!

Insiet in-nies tal-lum, ma nsewx l-erwieħ
Ta' dari. L-għanja sbejħa ta' tfulitek
Għadha tissamma' ma' tul l-erba' rjieħ.

# WENZU JFITTEX LIL LUCIJA

*(Mill-Manzoni, miġjub għall-Malti kelma b'kelma)*

*Ta'* DUN PAWL

F'DAWK l-inħawi kienet daqshekk qalila l-imxija u l-intiena tal-iġsma tal-mejtin mitluqin hemm, li l-ftit li kienu baqgħu ħajjin kienu mġegħlin ibattlu minnhom: hekk, mas-swied il-qalb, li kienet iġġib lil min kien igħaddi minn hemm dik id-dehra ta' ħerba u ta' tluq tan-nies, kien jiżdied il-waħx u l-qżież ta' l-atar u tal-fdalijiet li ħallew warajhom in-nies li ftit ilu kienu jgħammru hemm. Wenzu ħaffef jimxi, jagħmel il-qalb lilu nnifsu bli jistħajjel li fejn kellu jasal m'għandux kien hekk fil-qrib u jittama, li qabel ma jasal hemm, isib, għallanqas xi ftit, imbiddla d-dehra; u tabilħaqq, minn hemm mhux wisq, nifed x'imkien li kien għadu jista' jissejjaħ belt tal-ħajjin; iżda liema belt jaħasra, liema ħajjin! Imsakkrin, imħabba fil-ħsieb ħażin u l-biża', il-bibien kollha li kienu jagħtu għal fuq it-triq, barra minn dawk li kienu miftuħin beraħ, billi d-djar kienu mbattla minn nies, jew ħabtu għalihom: oħrajn imsammrin u maħtuma, billi fid-djar kienu mietu jew mardu xi nies bil-pesta: oħrajn maħżuża b'salib bil-faħam; b'għelm għall-*monatti*, li hemm ġewwa kienu jinsabu mejtin għall-ġarr; kollox aktarx kif jiġi milli ieħor, skond li kien jinsab hawn aktar milli hemm xi kummissarju tas-Saħħa jew x'imxiegħel ieħor, li ried iwettaq l-amar li kellu, jew ried igħammes. Kullimkien bċejjeċ taċ-ċraret, u aktar moqżieża minnhom, fsieqi mċappsa kollha widek, firxa mniġġsa, lożor mixħuta mit-twieqi, minn daqqiet iġsma, jew ta' nies li kienu mietu ħabta u sabta fit-triq, jew mitluqin hemm sakemm igħaddi xi karru u jġorrhom, jew li waqgħu mill-karrijiet, jew li nxteħtu huma wkoll mit-twieqi; daqshekk il-hemm li kien baqa' jagħfas u jiqliel kien ħarrax il-qlub, u nessa kull twettiq tal-ħniena u tad-dmirijiet ta' wieħed lejn l-ieħor. Wieqaf għal kollox kull tgeġwiġ ġol-ħwienet, kull ħoss ta' karrozzi, kull għajat ta' bejjiegħa, kull tpaċpiċ ta' nies għaddejjin, qajla dik il-ħemda tal-mewt kienet tkun miksura minn ħaġa oħra għajr mill-ħoss tal-karrijiet tal-ġarr tal-mejtin, minn tinwiħ ta' fqar minn krib ta' morda, minn twerżiq ta' nies mitlufin, minn għajat tal-*monatti*.

Mas-sebħ, f'nofs in-nhar, fil-għaxija qanqiena tal-katidral kienet twissi biex jingħad xi talb, li kien hareġ l-arċisqof: għal dak it-talb kienu jwieġbu l-qniepen tal-knejjes l-oħra; u hemm kont tisma' f'waqt wieħed talb u tfiq, li kien inissillek swied il-qalb imħallat ma' xi faraġ.

Billi sal-lum kienu mietu mat-tnejn minn tlieta tan-nies tal-belt, marru barra jew mardu l-biċċa l-kbira tal-bqija, l-għadd tan-nies li kienet tinżel il-belt kien, tista' tgħid, wasal fix-xejn: mill-ftit tan-nies li kienu jaqsmu mit-toroq ma kontx b'xorti, wara dawra twila, tiltaqa' ma' wieħed biss li ma kontx tara fih xi ħaġa barra mid-drawwa, li kien inebbhek b'tibdila mill-aktar imgħarrqa. Kienu jidhru l-ogħla nies bla kappa u anqas mantar, l-aqwa biċċa dak iż-żmien tal-ilbies tan-nies ta' l-ibliet; mingħajr suttana l-qassisin u xi patrijiet ukoll bil-għekk; f'kelma waħda mneħħija minn fuqhom kull għamla ta' lbies li kien jista' bit-truf tiegħu sejrin iperpru jmiss ma' xi ħaġa, jew (dak li kienu jibżgħu minnu aktar minn kollox) li jagħti l-wesgħa lid-dellieka. U barra dal-ħsieb li joħorġu lebsin qasir, imqaċċat, bi ħwejjiġhom marsusin magħhom mill-aktar li jista' jkun, ebda ħsieb ma kellu ħadd ta' surtu u ma fittixhiex iżjed, ħallew il-leħja titwal dawk li kienu mdorrijin iġibuha, tikber dawk li qabel kienu mdorrijin iqaxxruha; titwal u titqanfed xuxithom, mhux biss għal dak in-nuqqas ta' ħsieb li jiġi minn qtigħ ta' qalb li ilu ż-żmien jaħkem, imma mħabba li l-parrukkiera kienu jaħsbu ħażin fihom mindu kienu qabdu u għarrlu ħaqq minnu, bħala delliek imsemmi, lil wieħed minnhom, Ġanġakmu Bora, isem li, għal żmien, baqa' jissemma fil-belt b'għajb kbir, u li jistħoqqlu wisq iżjed li jibqa' għal dejjem jissemma b'ħasra. Il-biċċa l-kbira kienu jżommu f'idhom il-waħda ħatar, x'uħud ukoll pistola, bi twissija u theddida għal min ifettillu jersaq iżżejjed lejhom; u f'idhom l-oħra bċejjeċ ifuħu, jinkella boċoċ tal-metall jew ta' l-injam kollha toqob, b'ġo fihom sponoż imsappa b'ħall imsewwi b'xi duwa; u kienu ta' dlonk iressquhom ma' mneħirhom, jew ma jaqilgħuhomx minn imnifsejhom. X'uħud kienu jġibu mdendla ma' għonqhom qarraba b'ġo fiha ftit *argentu vivu*, għax kellhom f'rashom li kellu s-saħħa jixrob u jżomm ir-rwejjaħ li jitilgħu mill-ħwejjeġ imniġġsin bil-marda; u kienu jieħdu ħsieb li jġedduh wara kull ftit jiem. In-nies tal-ġieh, mhux biss kienu joħorġu mingħajr il-ġilwa ta' dari, imma kont tarahom b'xi bixkilla ma' driegħhom, sejrin jixtru li kien jiħtiġilhom għall-ikel. Il-ħbieb, meta mqar tnejn kienu jil-

taqgħu, kienu jissellmu mill-bogħod, b'għemża, bis-skiet u b'għaġla. Kull wieħed, waqt li kien ikun miexi, kellu ħafna x'jagħmel, biex iħares ruħu mill-ixkilijiet moqżieża u tal-mewt li bihom l-art kienet mifruxa u, x'imkien, hekk li bilkemm kont tista' tgħaddi: kull wieħed kien ifittex li jgħaddi minn nofs it-trieq, għall-biża' ta' ħmieġ ieħor, jew ta' xi ħaġa tqila, ta' deni bil-bosta akbar, li kienet tista' taqa' mit-twieqi għal isfel; għall-biża' ta' trab imsemmem li kienu jgħidu li kien jintafa' ta' dlonk minn dawk fuq in-nies li jkunu għaddejjin; għall-biża' ta' ħitan, li setgħu jkunu mdellkin. Hekk l-injuranza, qalbiena u għaqlija bil-maqlub, kienet qiegħda issa żżid dwejjaq ma' dwejjaq u tnissel beżgħat fiergħa, għal dawk mid-deħen u ta' ħarsien għas-saħħa li kienet barrithom sa mill-bidu.

Minn qalb dil-ħerba Wenzu kien għamel biċċa sewwa minn trieqtu, meta, għadu 'l bogħod kemm medda ta' riġel minn trieq li kellu jikser, sama' ġejjin minnha ħafna ħsejjes kbar, li fosthom kienet tisboq iċ-ċenċila waħxija, li kienet tħabbar il-mogħdija ta' karru bil-mejtin.

Meta wasal fil-kantuniera tat-trieq, li kienet waħda mill-aktar wesgħin, lemaħ weqfin fin-nofs erba' karrijiet; u, bħalma f'suq tal-qmuħ, jara nies ġejjin u sejrin, min igħabbi u min iħott xkejjer, hekk kien it-tqanqil f'dawk l-imkejjen; monatti deħlin fid-djar, monatti ħerġin b'tagħbija fuq kiftejhom, li kienu jqiegħdu fuq dan jew dak il-karru: x'uħud b'libsa ħamra fuqhom biex jingħarfu, oħrajn mingħajrha, ħafna b'għelm ta' min aktar jistkerrhu, trofof tar-rix ta' kemm-il lewn f'rashom, li dawk il-misħutin kienu jġibu b'turija ta' ferħ, qalb niket hekk kbir tan-nies kollha. Issa minn tieqa, issa minn oħra, kien jinsama' ħiereġ leħen ta' qsim il-qalb: "hawn, *monatti*!" U b'ħoss aktar tal-biża', minn dik il-ġeġwiġija ta' nies ħajjiena kien joħroġ xi leħen waħxi iwieġeb: "dalwaqt, dalwaqt". Jew inkella kienu nies li ġo djarhom kienu qegħdin igergru u jgħaġġlu lill-*monatti* biex jeħilsuhom, u dawn kienu jwieġbu bid-dagħa.

Kif qabad it-trieq, Wenzu tawwal il-medda ta' riġlu, ħsiebu li ma jħarisx lejn dak li qed jimlieha, ħlief kemm kien jiħtieġlu biex iwarrab minnu; meta għajnejh iltaqgħu ma' ħaġa ta' ħasra; u hekk hu waqaf, bilkemm mhux bla ma ried.

Kienet nieżla mill-għatba ta' wieħed minn dawk il-bibien, u sejra lejn il-ġemgħa tal-karrijiet, mara, li wiċċha kien iħalli

tidher minn taħt xbubija mdaħħla, imma li għad ma nqabżetx, u kien jikxef ġmiel mistur u mgħammem, imma mhux imħassar, minn tiġrib aħrax tal-qalb u minn reħja tal-mewt: dak il-ġmiel sfiq u f'ħin wieħed kburi, li jilma fid-demm ta' dawk li jgħammru fil-Lombardija. Kienet miexja bit-tbatija, imma mhux li tgħid ser taqa'; għajnejha ma kienux qed iroddu dmugħ, imma kienu jidhru li xerrdu qatigħ; f'dak l-uġigħ il-qalb kien hemm x'naf jien mis-sabar u mill-qilla, li kien qed jixhed b'ruħ li taf bih u qiegħda ġġarrbu.

Imma ma kenitx biss il-bixra tagħha, qalb daqshekk hemm, li kienet turiha bħala waħda li jisthoqqilha ħarsa barranija, u li tarġa' tqajjem għaliha l-ħniena li kienet għoddha għajjiet u nofs mietet fil-qlub. Kellha fuqha tfajla ta' xi disa' snin, imma kollha mirquma, b'xuxitha mifruqa fuq ġbinha, b'libsa l-aktar bajda, daqs li kieku dawk l-idejn kienu żejnuha għal xi għors imwiegħed minn bosta żmien u mogħti lilha talli kienet qagħdet gwejda. Ma kenitx qed iżżommha mimduda, imma wieqfa, bil-qiegħda fuq driegħha, b'sider it-tfajla mwieżen ma' sidirha bħallikieku kienet ħajja; iżda min-naħa l-waħda kien hemm id ċkejkna, bajda bħaxxama', tiddendel b'toqla tal-mewt, u r-ras kienet mimduda fuq kift ommha, b'telqa aqwa min-nagħas: t'ommha, għaliex, jekk ukoll ix-xebh ta' l-uċuh ma kienx biżżejjed, kien igħidu ċar dak miż-żewġ uċuh li kien jixhed ukoll dak li fil-ħin kienet qiegħda tħoss il-qalb.

Maħmuġ ta' *monatt* mar biex ineħħilha t-tfajla minn fuq dirgħajha, imma b'bixra ta' qima, barra mill-għada tiegħu, b'taqtigħ ta' qalb bla ma jrid. Imma dik, tinġibed lura, iżda bla ma turi għadab lanqas tmaqdir, "le!" qaltlu: "la tmisshilix għalissa; jien irrid inqiegħda fuq dak il-karru." U tgħid hekk, fethet idha, wriet borsa u telqitha taqa' f'dik li newliha l-*monatt*. Imbagħad baqgħet sejra tgħidlu: "wegħdni li ma tneħħilhiex hajta biss minn ma' dwarha, u lanqas ma tħalli li oħrajn jagħmluh, u li tqiegħda taħt l-art hekk kif inhi."

Il-*monatt* tafa' idu fuq sidru: u mbagħad mimli ħrara u heġġa u kemm ukoll mhux bil-qima, aktar għalli kien qed iħoss minn ġewwa u kien qed jaħkimlu ruħu, milli għall-ħlas li ma kienx jistenna, ħabrek biex jagħmel ftit tal-wisa' fuq il-karru għaċ-ċkejkna mejta. Ommha, wara li tat lil din bewsa fuq ġbinha, medditha hemm bħallikieku fuq sodda, qegħditha sewwa.

firxitilha fuqha biċċa bajda, u qalet l-aħħar kelmiet: "Sejra nħallik, Ċeċilja! strieħ bis-sliema! Il-lejla niġu aħna wkoll, biex nibqgħu għal dejjem flimkien. Itlob sakemm indumu hawn għalina; għax jien ukoll nitlob għalik u għall-oħrajn." Imbagħad iddur mill-ġdid fuq il-*monatt*: "int," qaltlu, "meta tgħaddi minn hawn il-lejla, itla' ħu lili wkoll, u mhux lili waħdi."

Kif qalet hekk, reġgħet daħlet id-dar, u, wara kemm ftit, xirfet mit-tieqa żżomm fuq dirgħajha tfajla oħra iżgħar, ħajja, imma bil-mewt fuq wiċċha. Waqfet tħares dik id-difna hekk mhux xierqa, sakemm il-karru ma ċċaqlaqx, sakemm setgħet tilħqu b'għajnejha; imbagħad għabet. X'setgħet għamlet ieħor, ħlief li qiegħdet fuq is-sodda l-waħda li kien għad fadlilha u mteddet ma' ġenbha biex imutu flimkien? bħall-warda, li faret fuq iz-zokk, taqa' flimkien mal-warda ż-żgħira li għadha ma bexxqetx, għall-mogħdija tal-minġel li jġib f'wieħed il-ħxejjex kollha tal-marġ.

---

# LIEMA . . . .?

## BEJN IS-SENA 1940 U L-1943

*Ta'* DUN KARM

Malta tiegħi, jien rajtek filgħaxija
  Tiġġerra max-xtajtiet u t-triqat tiegħek;
  Tilbes, titkellem, tidħak bla mistħija
  U fi mħabbiet bla ġieħ, belha, titmiegħek.

Iżda rajtek ukoll, mara għaqlija,
  Tinsatar f'libsa rżina sa fuq driegħek,
  Fid-Dar t'Alla titnaddaf minn kull ħtija
  U titlob lil Ġesù li jibqa' miegħek.

U jiena ħsibt, u l-ħsieb wasal fi lsieni:
  Liem' huwa l-wiċċ tassew ta' Malta tagħna?
  L-ibleh ta' l-ewwel, jew l-għaqli tat-tieni?

Leħen moħbi weġibni dak il-ħin:
  Tat-tieni l-wiċċ sabiħ ta' l-Art Setgħana:
  L-ieħor maskra li ġiebu l-barranin.

31/XII/43.

# INSEWWU L-IZBALJI TAGHNA

*Ta'* BROTHER AMEDY

IN-NIES tassew kbar li qatt dehru fid-dinja huma l-qaddisin, għax biex wieħed ikun jistħoqqlu jissejjaħ kbir għandu jieħu suret Kristu, li hu l-akbar bniedem, l-ewlieni, il-waħdieni.

L-ewwelnett inħarsu lejn Sidna Ġesù Kristu nnifsu: Ġesù kien jitkellem biss b'ilsien il-ġens Lhudi, li f'dak iż-żmien kien l-Aramajk. Għad li Iben-il-Bniedem kien jiġbor fih kull għerf u kull tagħlim, Hu qatt ma wera l-iċken tkasbir lejn Ilsienu, Hu qatt ma ċaħdu. Jekk il-Grieg u l-Latin kienu l-ilsna ta' ġnus miżmumin bħala ċ-ċivilizzaturi tad-dinja, Ġesù qatt ma żżattat billi nqeda bil-Grieg jew bil-Latin. Hu tkellem biss bl-Aramajk li fi żmienu kien l-ilsien mitkellem fil-Palestina.

Jekk inqalibu l-Evanġelju Mqaddes nintebħu, li l-egħdewwa ta' Ġesù għajruh u saħansitra xlewh li kien xewwiexi, ħajjen, imxajtan. Qatt ħadd imma ma liemu li xaqleb mar-Rumani, li ħabb u tkellem ilsienhom. Ġesù ma deherlux li l-ilsien ir-Rumani kien isbaħ, ogħna u ogħla minn ilsienu, għax bħala bniedem-Alla kien jifhem biżżejjed li kull ilsien għandu ġmielu, kull ilsien hu nobbli, għax l-ilsna kollha huma ħlejjaq t'Alla.

Mela nħobbuh il-Malti. Ma ngħidux li ilsna oħra huma isbaħ minnu... li l-Malti hu fqajjar, dgħajjef, ruħu fi snienu... għax l-ewwelnett mhux minnu u t-tieni, għax li kieku Ġesù twieled fostna, kien żgur u bla dubbju ta' xejn, jitkellem biss u dejjem bil-Malti.

Tafu x'għandu l-Malti kontrih? Ħaġa waħda biss: li min missu għenu meta ħasel igħejja, ilibbsu u jżejnu meta beda jiftaqar, aktar issokta taħ id-daqqa tal-mewt, kasbru u rmieh. Ġesù qatt ma għamel praspar bħal dawn lill-poplu tiegħu, għax Hu ġie fost ħutu biex igħallimhom u mhux le biex jurihom kemm kien jaf!

Nisimgħu għaldaqstant minn twissijiet Dun Karm, l-akbar poeta tagħna, li b'qalbu mnikkta quddiem ħajnet l-egħdewwa tal-Malti jmur itenni:

"Għaliex immela tiċħad, Malti ħija
lil dan l-ilsien li bih int Malti sewwa?

Hobo, jekk jiswewlek, l-ilsna barranija
Iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa."

Mingħajr ma nagħmel l-ebda kumment sa nġib biċċa mill-Ewwel Epistola ta' l-Appostlu Missierna San Pawl lill-Korinti meħuda mit-Taqsima XIV. L-Appostlu qalbieni tal-ġnus jurina hekk fiċ-ċar kif kien jifhimha hu l-kwistjoni ta' l-ilsien u kif għandna nifhmuha aħna, li jkun għajb għalija jekk fl-aħħar inżid il-fehma dgħajfa tiegħi.

San Pawl ikellem lill-Korinti fuq għotjiet Ruħ-il-Qodos u jsemmi d-don tal-ħbir u dak ta' l-ilsna: "Imxu, jissokta l-Appostlu, imxu fi triq l-imħabba, kunu mħeġġin għall-għotjiet ir-ruħ, imma l-aktar li intom tħabbru (ġrajjiet li għad jiġu). Għax dak li jitkellem b'ilsien (li ma jinftiehemx) ma jkellimx lill-bnedmin, iżda 'l Alla, għax l-ebda bniedem ma jifhmu. U dan, għad li b'Ruħ-il-Qdusija, ixandar ħwejjeġ mostura, imqar għodod bla ħajja li jagħtu xi ħsejjes, bħal ma huma l-fifra u l-arpa: għax jekk kull waħda ma tingħarafx minn leħinha, kif wieħed ikun jaf xinhi ddoqq il-fifra jew l-arpa? Għax jekk it-trumbetta tagħti leħen imgerfex, min ihejji ruħu għat-taqbida? L-istess ħaġa intom, jekk ma titkellmux b'ilsien li jinftiehem, kif wieħed ikun jaf xi tridu tgħidu. Għax intom tkunu qed titkellmu fl-arja. Hemm bosta għamliet ta' ilsna fid-dinja, u l-ebda wieħed mhu bla leħen. Mela jekk jien ma nagħrafx is-setgħa tal-leħen, jien inkun qisni barrani għal dak li miegħu nitkellem u dak li jkellimni jkun daqstant ieħor barrani għalija..." U sewwa sew dan li ġralna f'Malta Maltija!

Li kieku niflu ħajjet il-qaddisin insibu l-istess xeħta lejn ilsien arthom: Il-qassis M. Hamon li kiteb fit-tul il-ħajja ta' San Franġisk De Sales imur itarrfilna fuqu dan li ġej dwar l-ilsien: "Franġisk kien tal-fehma sa minn żgħożitu, li kull tfajjel jiħtieġlu jitħarreġ fil-letteratura ta' artu, jekk irid, meta jsir raġel, jagħmel il-ġid lil pajjiżu. Għaldaqshekk San Franġisk kien iħobb joqgħod għat-tagħlim lilu mogħti mill-kittieba ta' żmienu li sawru l-letteratura franċiża. Dal-qaddis, jissokta Hamon, qatt ma stmerr l-ilsien Latin u għad li fih lemaħ l-akbar tfixkil fir-rebħa tal-Franċiż, hu kien jitkellmu bil-ħeffa u jiktbu bis-sengħa; biss il-fehma qawwija tiegħu kienet li 'l quddiem, il-kittieba u l-predikaturi franċiżi kellhom ixandru l-kelma t'Alla bil-Franċiż, jekk tabilħaqq riedu jiswew ta' ġid lill-erwieħ..." Id-dinja kif iddur taf x'benna franċiża ħarġet minn taħt il-pinna

għaslija tad-De Sales, u kemm biddel erwieħ bil-prietki ħelwin u għorrief tiegħu.

Dan l-istenbiħ, dan il-qawmien fil-letteratura franċiża beda, nistgħu ngħidu, ma' żerniq is-seklu sittax. Fis-seklu sbatax u dak ta' warajh it-taqbida kienet għadha fl-eqqel tagħha, għax il-Latin fi Franza kien laħaq xenxel għeruq qawwija. Fl-1651 deher qaddis ieħor li bil-metodi tiegħu, bl-iskejjel li fetaħ, bil-kotba li ħareġ u bil-kelma li xandar, lill-Latin f'pajjiżu tah id-daqqa tal-mewt. Dal-qaddis kien San Ġwann Battista de La Salle, li ġie maħtur patrun ta' ħafna xrieki tal-Malti, sewwa sew imħabba dil-ġlieda qalbenija, li hu beda u fiha sseddaq sa ma kiseb rebħa għal dejjem.

Li kieku kellna nistħarrġu ġrajjiet artijiet oħra niltaqgħu ma' qaddisin qlubin li ħaqquha bis-sħiħ għal ilsien arthom: San Ċirillu u Metodju, l-appostli tal-Bohemja, għad li mhux wild dal-pajjiż, ħarrġu liċ-Ċeki, lis-Slovakki u lill-Moravi fil-kitba tqila u mħabbla ta' lsienhom. Dawn it-tlitt ignus, il-lum jagħarfu 'l dawn iż-żewġ qaddisin, mhux biss bħala l-Appostli ta' pajjiżhom, iżda wkoll bħala l-fundaturi tal-letteratura tagħhom.

San Patrizju seta' jikkonverti lill-Irlandiżi f'qasir żmien għax kien jaf b'ilsienhom.

Il-missjunarji, bħal dan l-aħħar qaddis li semmejt, jitkissru fl-ilsna ta' dawk il-ġnus li jixtiequ jirbħu għal Kristu. Lill-appostli tiegħu Ġesù tahom id-don ta' l-ilsna biex jirnexxu f'ħidmithom. X'nixtieq ingħid b'dana kollu? Haġa waħda biss: Li poplu li ġie mrobbi fi lsien Artu, f'ilsienu, ma għandux jiġi mħajjar biex jarmih u jagħżel ieħor barrani... Ma għandux jiġi mistieden, u wisq anqas imġiegħel, jitlob jew igħanni b'ilsien li la jista' jerfagħlu 'l ruħu u lanqas iħeġġiġlu 'l qalbu... Għada bħal din hi ħrafa! U hawn ukoll naqbel ma' San Pawl, li jmur itenni fl-Epistola ġà msemmija aktar 'il fuq: "Għax jekk jien nitlob b'ilsien (li ma nifhemx) ruħi titlob, imma dehni jibqa' mingħajr frott... kif immela? Nitlob (biss) bir-ruħ, ngħanni wkoll bil-fehma ...Għax jekk inti tbierek bir-ruħ, kif jista' jkun li dak li ma jifhmekx iwieġeb "Amen" (Hekk ikun) għall-barka tiegħek meta hu ma jifhimx x'inti tgħid... Niżżiħajr 'l Alla, jissokta l-Appostlu tal-Ġnus, li jien imħarreġ fl-ilsna tagħkom kollha, imma fil-knisja aħjar ingħid ħames kelmiet b'dehni, milli għaxart elef kelma b'ilsien (li ma jinftehemx)."

M'hawnx Malti fuq Gżiritna li ma jħobbx 'il-Madonna. Halli mela naraw flimkien kif ġiebet ruħha Hi dwar din il-kwistjoni? F'kelma waħda, Hi fehmitha bħal Binha Ġesù. Xhieda ta' dan huma d-dehriet tagħha fid-dinja. Meta dehret f'Pariġi lil Katerina Labouré, il-Madonna kellmitha bil-Franċiż, b'dan l-istess ilsien hi kellmet lit-tfal Massmu u Melanja fuq il-għoljiet ta' La Salette, u bil-Franċiż kitbet f'nofs ta' sema aħbarijiet tajba lic-ckejknin li rawha f'Pontmain. Meta dehret fl-Italja tkellmet bit-Taljan, fil-Portugall bil-Portugiż, u li kieku Hi tidher lil xi gabillott Malti, ma naħsibx li sejra tkellmu għajr b'ilsien art twelidu!

Meta Ommna tas-sema ġġibilna xi messaġġi minn għand Alla trid li tfiehem u tiftiehem. Araw kemm hu hekk: Bernadetta Soubirous ma kenitx taf ħlief bid-djalett tal-Pirinej, taħlita ta' Franċiż u ta' Spanjol. Għaldaqshekk, il-Madonna la kellmitha b'ħaġa u lanqas b'oħra. Hi kellmitha bid-djalett tagħha, bil-"patois" kif igħidu l-Franċiżi. Lilha kixfet l-ogħla ħwejjeġ mestura, lilha farrġet, għallmet u amret bil-"patois", lilha, b'dan l-istess ilsien, fost hena u għaxqa li jsaħħru, tarrfitilha isimha... U mbagħad nġu Malta u nsibu d-dinja ta' taħt fuq!

Jekk Dante Alighieri, Chaucer u Montaigne li tant għożżew ilsienhom ma swewx lil xi wħud minn ħutna ta' dawl biex jurruhom u jfehmuhom xi jsarraf l-ilsien li tana l-Hallieq, jalla, għallanqas, imġibet Kristu u Ommu u l-qaddisin tiegħu tiftaħ għajnejn dawk kollha li s'issa kienu u għadhom ta' xkiel lill-Malti.

Tabilħaqq, il-ġlieda għar-rebħa ta' Lsienna għadha sejra u aktar ma tmur qed issir eqqel u eħrex. Jekk sal-bieraħ it-Taljan kien għall-Malti t-theddida ta' kull waqt, il-lum minn naħiet li qatt ma bsarna bihom, tiela' sħab ikreh, li bil-qajla l-qajla qed igħatti x-xefaq dawwali tas-sema kaħlani ta' l-Ilsien Malti, u għaldaqshekk bil-wisq nibża' li wara li Lsienna ħeles mill-qattara sejjer issa jeħel fil-miżieb.

Milli jgħaddi minn għala widnejja u milli naqra, sirt naf li xi nies (fosthom bosta ġenituri) li jaħsbu li jilħqilhom ħafna, imma li jaħasra għad ma jistgħux jifhmu ħtieġet il-Malti fi trawwim il-poplu tal-gżejjer tagħna, il-lum iridu jarawh imneħħi għal kollox mill-iskejjel kif ukoll mit-taħdit uffiċjali, mill-għana u mit-talb tagħna, biex minfloku jqiegħdu u jħallu l-Ingliż *biss*. Xi wħud qed isefsfu fil-widnejn li dawk il-prietki li dari kienu jsiru bit-Taljan, il-lum dawn għandhom isiru lill-insara Maltin bl-In-

gliż. Sabiex il-Malti jinqered darba għal dejjem mill-iskejjel, mill-uffiċċji tal-gvern u minn bosta fergħat oħra ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiż, inqalgħu mitt elf skuża : Il-Malti hu telf ta' żmien u jtaqqal fil-mixi tagħha l-Edukazzjoni ta' wliedna, sabiex il-Malti jibqa' ma' l-Ingliż l-ilsien uffiċjali ta' pajjiżna, qed isiru spejjeż kbar, l-impjegati tal-gvern qed jiżdiedu wisq, u qiegħda wkoll tinħela ħafna karta għal xejn. Dawn huma kollha skużi fil-komma! Dan, aħna l-Maltin, insejħulu dmugħ il-kukkudrill! għax, sa fejn naf jien, skużi bħal dawn qatt ma nġiebu meta dari ma kenitx tista' tidher kelma bl-Ingliż, jekk fuqha, ma' ġenbha, jew taħtha ma kenitx tindiehes seħbitha bit-Taljan. Dik il-ħabta l-impjegati qatt ma kienu wisq, l-ispejjeż dejjem kienu żgħar u karta kien hawn bir-radam. Meta t-tfal ta' l-iskola kienu jħallu l-bankijiet biex jaqilgħu x'jieklu bla ma jafu la bl-Ingliż u wisq anqas bit-Taljan, dan l-ilsien tqil ma kienx xkiel għall-edukazzjoni f'Malta... f'dak iż-żmien kollox kien sewwa! kollox kien miexi ħarir! u r-riħ kien ġmielu qed jonfoħ fil-qala'.. Il-lum mar kollox il-baħar għax il-Malti mexxielu jikseb xi ftit minn jeddijietu!

Li kieku s-saram li fih il-lum jinsab l-Ilsien Malti, inħoloq biss mill-bixra ta' nies li għadna kif semmejna, fiha u ma fihiex. Imma, it-twegħir ġej ukoll mill-ġibda li bħala ġens żgħir titwieled magħna, ġibda li kif fissirt f'dak li ktibt f'"Il-Malti" ta' Settembru 1943, iġġegħilna nixxadinjaw lil ġnus akbar minna, u din il-għada qed tinħass fi drawwietna, f'fehmietna, f'ilsienna. L-Ingliż jiħtieġ li nitgħallmuh sew għax miegħu hu marbut ħobżna ta' kuljum. Biex ingħoġbu, imma, ma għandniex inkasbru l-Malti li miegħu huma marbutin ġrajjietna, id-Din tagħna, u t-tifkiriet l-aktar għeżież tagħna. Mal-Malti hu marbut dak kollu li ħabbejna sa minn ċkunitna.

Qabel nagħlaq nixtieq intella' f'wiċċ l-ilma għajb ieħor li fih waqgħu xi wħud mill-*iskejjel Maltin, mibnija u miftuħa għall-Maltin*. Dari f'dawn l-iskejjel it-Taljan kien isaltan bil-jeddijiet kollha, li bihom hu sid fl-Italja nfisha, meta ma kienx jikseb elf jedd ieħor li bih aħna nħobbu nagħnu lil kull ħaġa (jew ħlejqa) li twieldet taħt xemx li mhix tagħna.

Ġara, mela, li għax il-gwerra ġegħlitna nagħmlu dak li ma ridniex, dawn l-iskejjel dlonk xiddu għata ieħor billi ħatru l-Ingliż minflok it-Taljan u 'l-Malti, miskin, ħallewh barra. Il-lum, bil-maqlub ta' dari, il-għana, it-talb u t-taħdit isiru dejjem u biss bl-Ingliż. B'dan ma rridx infisser li fl-iskejjel tagħna, it-tfal

għandna nħalluhom jitkellmu kif u meta jogħġobhom bil-Malti. Le, għax inkella qatt li hu qatt ma jitħarrġu sew fl-Ingliż, li hu lsien tqil daqs kemm hu mħabbel. Nixtieq infiehem biss, li littfal ta' l-iskejjel tagħna għandna ngħallmuhom igħannu u jitolbu b'ilsienhom ukoll, u jżejnu l-kitba tagħhom b'Malti sabiħ, mirqum u mexxej. Niftakru, għalldaqshekk, li ċ-ċkejknin tagħna huma l-irġiel ta' għada u l-Mexxejja ta' pajjiżna fiż-żmien li għad irid jiġi. Inqisu, mela, li wliedna jiksbu mill-iskejjel tagħna *edukazzjoni sħiħa* u mhux *nofs edukazzjoni*.

Jalla dawk kollha li quddiem Alla u l-bnedmin għad iridu jwieġbu fuq għadithom lejn Lsienna l-Malti u fuq ħidmithom dwar l-edukazzjoni ta' wliedna, jifhmu darba għal dejjem, sew bħala nsara u sew bħala Maltin, imġiebet Kristu Sidna u l-Qaddisin tiegħu lejn Lsien Arthom u bħalhom jaqdu dmirijiethom kollha lejn l-Ilsien Malti, billi jħabirku sabiex il-għana, it-taħdit u t-talb tagħna jxiddu libsa tabilħaqq Maltija, libsa, li ż-żmien la jqaddem u lanqas iherri, imma aktar ma s-snin jitgerrbu u jgħaddu, aktar hi tissebbaħ, tiżżejjen u tistagħna.

*Twissija.*—Nixtieq ingħarraf lill-qarrejja, li meta jien tkellimt dwar talb, għana u taħdit bil-Malti fil-knejjes u fil-wirjiet ta' Fidi, ma ridtx nifhem li meta dawn it-tliet ħwejjeġ ikunu liturġiċi, għandhom isiru b'ilsienna u mhux bil-Latin. Fid-dehen u l-għaqal tagħha u sabiex bejn l-insara tad-dinja kollha jseħħu l-għaqda u l-ftehim, il-Knisja Kattolika għażlet il-Latin bħala l-ilsien waħdieni u uffiċjali tagħha. Lilha mela nobdu f'kull ma tgħallimna u nweġġħu kif xieraq ix-xewqat, ir-ridiet, id-drawwiet u t-twissijiet tagħha. Imma kemm tkun ħaġa sabiħa u ta' fejda li kieku l-poplu Malti jkanta aktar u ta' sikwit sew fil-knisja u kemm fil-purċissjonijiet. Min siefer u ra d-drawwiet kattoliċi ta' ġnus oħra jifhem x'irrid ingħid...... l-aktar min mar iżur Lourdes!

## REV. CHARLES L. DESSOULAVY, Ph.D.

B'għafsa ta' qalb inħabbru l-mewt ta' ħabibna r-Reverendu Charles L. Dessoulavy, Ph.D., Membru Korrispondent tal-"Għaqda" sa mindu dina twieldet. Il-"Għaqda", bil-mewt tiegħu, tilfet wieħed mill-egħżeż ħbieb tagħha ta' barra minn Malta. Il-mewt tar-Reverendu Dessoulavy ħalliet fostna vojt li ma jistax jimtela ħlief minn oħrajn tal-ħeġġa u ħila lingwistika tiegħu. F'ħarġa oħra ta' "Il-Malti" nitkellmu iżjed fil-wisa' fuq il-ħidma tal-mejjet ħabibna għall-ġid tal-"Għaqda" u tal-Malti.

Aġent Direttur: ANT. CREMONA.

---

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, Dingli Circus,
Sliema.